MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MIZZI**

Seduta tad-29 ta' Frar, 2012

Numru. 1158/2011

Il-Pulizija
(Sp Edel Mary Camilleri)
vs
Riccardo Villi, iben Concetta Villi, imwieled Caltanisetta, Sqallija, Italja fis-26 ta' Mejju, 1960, Karta ta' l-Identita taljana numru AR 0315135

Il-Qorti,
Rat l-atti tal-kompilazzjoni kontra l-imputat:
1. talli fid-19 ta' Otubru, 2011 u fix-xhur ta' wara, kif ukoll ta' qabel, f'Malta kif ukoll barra minn Malta, ippromuova, ikkostitwixxa, organizza jew iffanzja għaqda ta' żewġ persuni jew iktar bil-ħsieb li jagħmel reat kriminali;
2. talli fl-istess żminijiet u ċirkostanzi fuq imsemmija, bil-ħsieb li jagħmel xi qliegħ li jkun, għin, assista, ta parir jew ħabrek biex persuna/I oħra tidħol jew tagħmel tentattiv

biex tidħol jew toħroġ jew tgħaddi minn jew jagħmel tentattiv biex igħaddi minn jew jagħmel tentattiv biex joħroġ minn Malta bi ksur tal-Liġijiet ta' Malta, jewli, sew f'Malta jew barra minn Malta, ikkonġura f'dak is-sens ma xi persuna oħra.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali tas-17 ta' Frar, 2012 fejn iddikjara li wara li ra l-atti tal-kompilazzjoni kontra l-imputat u billi jidhirlu li tista' tinsab ħtija jew ħtijiet taħt dak li hemm maħsub:
a. fl-artikolu 83A(1)(2) tal-Kodiċi Kriminali;
b. fl-artikolu337A(1) tal-Kodiċi Kriminali; u
c. fl-artikoli 17, 31 u 533 tal-Kodiċi Kriminali;
bagħat lura l-atti lil din il-Qorti sabiex tiddeċidi fuq l-akkuża ta' din il-ħtija jew ħtijiet barra kull ċirkostanza oħra.

Rat il-verbal tas-seduta tad-29 ta' Frar, 2012 fejn l-imputat ta l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Semgħet il-provi.

Semgħet lill-prosekuzzjoni u lill-avukat ta' l-imputat.
Ikkunsdirat,

Illi mill-provi prodotti jirrizulta li l-imputat kien għabba żewġ persuni fuq il-karozza li hu kien qed isuq biex imorru lejn l-Italja fuq bastiment mingħajr ma kellu dokumenti validi għal dan il-għan.

Illi dan il-fatt jidher li kien sar mill-imputat u mill-provi prodotti ma jirrizulta ebda prova li tista' tavalla l-organizzazzjoni ta' xi għaqda għal dan il-għan.

Għaldaqstant, ma ssibx lill-imputat ħati tal-ewwel akkuża miġjuba kontra tiegħu u għalhekk tilliberah minn tali akkuża. Issibu ħati tat-tieni akkuża miġjuba kontra tiegħu. Rat l-artikolu 337A tal-Kodiċi Kriminali u tikkundannah għal piena ta' sitt xhur priġunerija. Fiċ-ċirkostanzi mhemmx lok għall-applikazzjoni tal-artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali billi ma tqabbdu ebda esperti fil-proċeduri.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------